Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 9 – L-Erbgħa, 7 ta' Novembru, 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-4.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 8, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Sessjonijiet għal-pubbliku b'informazzjoni kontra it-tipjip – il-Kunsill approva li jorganizza 7 sezzjonijiet għal għaxar persuni, offruti lir-residenti t'Għajnsielem. Is-Sindku qal li dawn is-sezzjonijiet t'informazzjoni ser isiru b'kollaborazzjoni mas-Sjr. Pamela Portelli, li għandha l-kwalifiki neċessarji biex tagħmel dawn is-sezzjonijiet. Min ikun jixtieq jattendi għandu jħallas €5 li tkopri l-ispejjeż li jsiru għal dan l-iskop. Il-pjan huwa li dawn il-korsijiet jibdew mit-tieni ġimgħa ta' Jannar. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħmel aktar kuntatt mas-Sjr. Portelli biex jiġu organizzati dawn is-sezzjonijiet.

   - 8 t'Ottubru – is-Sur Frankie Xuereb iffirma t-*termination lease* fuq l-uffiċċju tal-Kunsill l-Antik.

   - 10-12 t'Ottubru – is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-konsultenta Krista Farrugia attendew għal-workshop f'Budapest. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għal-ewwel darba kull *partner* f'dan il-proġett attenda, ħlief dak tal-*Azzores* li probabilment se

joħroġ mill-proġett minħabba l-kriżi finanzjarja. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi ġie deċiż li fil 24-25 t' April, 2012, il-Kunsill Lokali Għajnsielem irid jorganizza it-tieni *Monitoring Board* u t-tielet *Steering Committee meeting* f'Għajnsielem, fejn f'dawn is-sessjonijiet jattendu l-politikanti f'dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill ikun mistenni jattendi għal-dawk il-laqgħat. F'dik il-ġimgħa stess, wara dawn il-laqgħat jiġu organizzati *study visit* x'imkien f'Għawdex u *transfer of best practices workshop* bejn il-*partners* kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarret li għadha ma ddeċidietx fejn se tkun is-*Study Visit*, iżda hi tal-opinjoni li din issir b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-EKO Għawdex. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fil-laqgħat li jmiss, li se jkunu 4-5 ta' Diċembru f'Barcellona, ser jiġi diskuss l-programm tal-*Monitering Board* u l-*study visit* li ser isir f' Għajnsielem f' April li ġej.

- 10 t'Ottubru – saret laqgħa mal-perit Scerri, is-Sindku u l-kuntrattur Jesmond Xuereb fuq is-sit tal-Għajn fejn ġie spjegat kif se jitkompla l-proċess tal-bini tal-Għajn tal-Hasselin. Dan ix-xogħol huwa ppjanat li jibda l-ġimgħa d-dieħla. Is-Sindku issuġġerixxa li ssir ċerimonja tat-tqiegħid tal-ewwel ġebla tal-bini tal-Għajn fil-Ġimgħa t' Għajnsielem. Għandha tiġi mistedna l-Ministru għal Għawdex Ġiovanna Debono biex tpoġġi l-ewwel ġebla peress li l-fondi biex tinbena din l-Għajn ġew minn–EKO Għawdex. Il-banda San Ġużepp għandha wkoll tipparteċipa għal din l-attivita. Il-preżenti qablu ma dan, fejn il-programm se jiġi diskuss mal-Ġimgha t'Għajnsielem.

- Pjazza Madonna tal-Loreto – l-avukata Tatienne Cassar qed tistenna l-approvazzjoni mill-Permanent Secretary fil-Ministeru għal-Għawdex rigward il-kuntratt. Appena jkollha din l-approvazzjoni, dan il-kuntratt jgħaddi għand is-sur Guzman fil-Kurja għal-approvazzjoni, kif kien miftiehem mil-partijiet kollha kkonċernati.

- 13 t'Ottubru – il-Perit Godwin Sultana ssotometta l-applikazzjoni ta' DNO fuq l-Embelishment tal-Pjazza tad-Dehra biex jekk jiġu approvati l-fondi mill-Mizura 414.4, dan il-proġett ikun jista jinbeda. Franco Ciangura ssuġġerixxa li tul il-ġimgħa t'Għajnsielem, il-Kunsill għandu jinforma lill-pubbliku li saret applikazzjoni għal-fondi biex tiġi msebħa din il-pjazza. Il-preżenti qablu ma dan.

- Memo 35/2012 - Skema ta' Impjieg Inklussiv fil Komunità – il-Kunsill approva li jipparteċipa f'din l-iskema fejn jitlob għal-persuna li jkun *handy man* fejn xogħlu jkun anke ta' *controller officer* u jieħu ħsieb ix-xtieli fil-*flowerpots,* etc.

- 26 t' Ottubru – is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ittra lis-Sjr. Katya Scicluna fejn spjegat ix-xogħol li wettaq il-Kunsill tul dawn l-aħħar tlett xhur fuq il-permess tal-MEPA fuq Ta' Passi. F'din l-ittra is-Segretarju Eżekuttiv talbet jekk hux possibli li tiġi estiża d-data ta' l-għeluq, dik tal-31 t'Ottubru 2012, sabiex jingħata ċans li l-permess mil-MEPA joħroġ.

- 31 t'Ottubru – is-Sindku ġie avviċinat mill-preżentatur tal-programm TVAM biex jirrispondi u jikkjarifika bit-teleforn dak li qal ic-CEO tal-MEPA ġurnata qabel fuq l-istess programm. Is-Sindku qal li ma kienx minnu dak li ntqal mic-CEO illi f'sena l-Kunsill m'għamel l-ebda korrispondenza mal-MEPA. Is-Sindku qal li ta bil-fatti u dati

l-korrispondenza li bagħat il-Kunsill u vice versa lil-MEPA, fejn f'din is-sena l-Kunsill kiteb għaxar darbiet lill-MEPA u l-MEPA kitbet ħames darbiet lill-Kunsill. Dan barra d-diversi laqgħat li l-Kunsill u l-perit għamlu mal-uffiċċjali tal-MEPA, mad-Direttur Chris Borġ kif ukoll mac-Chairman tal-MEPA Austin Walker. Is-Sindku qal ukoll li minħabba dan il-permess, hemm probabilta` lli jintifu l-fondi fuq il-programm tal-misura 313. Sar suggeriment mis-sindku, fejn jekk dawn il-flus jintilfu, il-Kunsill joħroġ stqarrija fuq il-Media Lokali fejn jgħid bil miktub li dawn il-flus intilfu minħabba n-nuqqas tal-permess tal-MEPA. Il-Kunsilliera qablu ma dan.

- Circus f'Għajnsielem – is-Sindku qal li kien avviċinaħ resident Ingliż dwar kif inħareġ il-permess mil-Kunsill fuq ic-Circus. Hu nformaħ li l-Kunsill ħareġ *no objection* li jsir dan ic-circus fil-grownd tal-football kif ukoll għal permess ta'ġimgħa għal-parkeġġ tat-*ticket booth* quddiem il-każin tal-football, għalkemm dan m' intuzax għax sar fil-ground.

- Ittra mill-Uffiċċjal Eżekuttiv Sarah Attard indirizzata lis-Sindku u Kunsilliera – talba biex jinfetaħ post vakant t' *Assitant Principal* fil-Kunsill Lokali Għajnsielem. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob għal-parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

- Is-Segretarju Eżekuttiv resqet lill Kunsill ir-risposti tal-Mepa fuq xi punti li qajjem il-Kunsill fil-laqgħa mac-Chairman Austin Walker dwar l-iżvilupp tal-Mgarr Hotel.

  - Qtugħ mis-sies – it-*team* tal-Infurzar mill-Mepa qal li saret spezzjoni fuq il-post kif daħal l-ilment, u ma jidirx li kien hemm xi żvilupp irregolari.

  - Garanzija fuq l-iżvilupp – appena li ħareg il-Permess tal-Mepa, saret garanzija il-Bank mill-iżviluppatur, fejn jekk l-iżvilupp ma jimxix mal-permess, din il-garanzija tittieħed mil-MEPA. Din il-garanzija tiġi mgħotija biss lura lill iżviluppatur wara li jitlesta l-proġett li jkun approvat mill-MEPA.

  - Titranġa l-ħsara estensiva fit-Triq ż-Żewwieqa – skond il-kundizzjonijiet tal-Mepa, l-iżviluppatur għandu jirranġa 10 metri tul bil-wisa tat-triq faċċata tal-iżvilupp tiegħu fuq gwida min Transport Malta.

  - Rikjesta tal-Kunsill biex jutilizza fondi tal-EIPP li hemm marbuta fuq dan l-iżvilupp fil-MEPA – il-Kunsill jista jitlob bil miktub biex jutilizza dan il-fondi biex tiġi mibnija mill-ġdid din it-triq kollha. Hawn il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lill-perit Scerri biex jagħmel l-istima ta' dan ix-xogħol u wara issir talba formali lill-Mepa.

  - Informazzjoni fuq il-passaġġ għal-pubbliku li jinsab qrib is-sit tal-iżvilupp – dan il-passaġġ jinsab barra iz-zona tal-iżvilupp, u jekk fil-konstruzzjoni ta' dan il-proġett ma jkunx ta' periklu għal-pubbliku, dan għandu jibqa miftuħ għal-pubbliku. Jekk dan jingħalaq għal żmien temporanju minħabba periklu, dan il-passaġġ għandu jerġgħa jinfetah immedjatament kif jitlesta x-xogħol.

- Roll up – is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet kwotazzjoni għal-din ir-*roll up* ta' €123.90. Il-Kunsill approva li din issir. Il-Kunsill issuġġerixxa li għandu jkun hemm l-isem tal-Kunsill fuq nett, il-logo fin-nofs u isfel il-website tal-Kunsill.

- "Olimpiadi della Cultura e del Talento"- ittra mis-Sindku ta' Tolfa, Luigi Landi, fejn talab lill Kunsill jikkolabora f'din il-kompetizzjoni u jgħin billi jipprovdi kors tal-Ingliż f'Għajnsielem għas-sitt studenti li jirbħu din il-kompetizzjoni. Il-Kunsill approva li jipprovdi dan il-kors tal-Ingliż f'Għajnsielem. Il-Kunsill ta' Tolfa se jieħu ħsieb il-vjaġġ u l-akkomodazzjoni ta' dawn l-istudenti.

- L-ewwel logħba f'Għawdex tas-Soft ball – se ssir nhar 11 ta' Novembru, fejn Joseph Scicluna talab lill-Kunsill kollu biex jattendi għal din il-partita peress li kien il-Kunsill li fforma dan it-team. Il-Kunsill qabel li jattendi.

- Ktieb fuq l-istorja tal-futball femminili f'Malta – il-Kunsill approva li jagħti kontribuzzjoni ta' €20 biex jakkwista kopja ta' dan il-Ktieb għal-librerija.

- Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir għotja lill-Parroċċa għas-servizz tal-quddiesa b'risq iċ-Ċerminonja tal-gwerra u l-avviżi li jsiru mil-Kunsill fuq il-Bulettin. Il-Kunsill approva li tingħata €100.

- Invit mill-uffiċċju tal-Konsumatur biex isiru sezzjonijiet fuq id-drittijiet tal-konsumatur f'Għajnsielem – il-Kunsill qabel li dawn is-sezzjonijiet għandhom isiru u qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikkordina din il-laqgħa t'informazzjoni.

- Stedina min TCTC biex isiru korsijiet tal-kompjuters b'xejn lir-residenti għal-prezz ta' €550. Il-Kunsill approva li dawn il-korsijiet isiru iżda qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv tipprova ssib metodu kif dawn il-korsijiet jistgħu jsiru fil-lokal t'Għajnsielem.

- Memo 38/2012 – Attivitajiet kulturali. Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema fejn wara diskuzzjoni, il-prezenti qablu li l-aħjar ħaġa għal din is-sena hu li ma ssir l-ebda attivita`, speċjalment jekk jinbeda l-proġett Ta' Passi.

- It-Talba ta' Joseph Scicluna biex tibda issir sessjoni ta' Soft Ball darba f'ġimgħa lill-istudenti tal-year 6 ma ġietx milqugħa mill-Madam tal-iskola, minħabba l-fatt li dawn l-istudenti ma jkellhomx ħin biż-żejjed biex jagħmlu dan.

- Ittra min TM rigward is-servizz tal-Arriva f'Għajnsielem – TM irrispondiet id-diversi *emails* li bagħtet is-Segretarju Eżekuttiv rigward dan is-servizz, fejn ir-risposta ta' TM hi li peress li x-*xarabank* ma tghaddix minn Triq Fawwara minħabba l-wisa` tagħha, TM ma tistgħax jaċċetta r-rikjesti tal-Kunsill. Peter Caruana qal illi fis-6 t'Ottubru, għal-nofsinhar sħiħ l-Arriva għaddiet min Triq Fawwara għaliex kien hemm aċċident fit-Triq Sant Antnin. Dan juri li l-Arriva tista tgħaddi min din it-triq jekk iridu TM. Il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv tirrispondi lil TM b'dan, sabiex tinstab soluzzjoni li jiġi offrut servizz dirett minn Għajnsielem għar-Rabat. Transport Malta hi responsabbli li jaqdu lir-residenti tal-lokal rigward dan il-każ.

- *Fixed Asset Registrar* – is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-preżenti li bħalissa għaddejja mill-proċess li tifformula *Fixed Asset* Registrar bl-assi kollha tal-Kunsill. Hija ħejjiet rapport tal-għamara li kienet fl-Uffiċċju tal-Kunsill l-antik, u li m'għadiex tintuża, kif ukoll prezentat rapport tekniku ieħor tal-affarijiet eletroniċi li m'għadhomx jintużaw għaliex m'għadhomx jaħdmu. Il-Kunsill approva li l-għamara ż-żejda tinbieh, fejn joħroġ avviż fuq il-gazzetta tal-gvern, u l-affarijiet eletroniċi, li skont ir-rapport tat-tekniku Daniel Żerafa ma fadlilhomx uzu, jittieħdu l-Waste Serv għar-reċiklaġġ.

## 4. Nomina għal-Ġieh Għajnselmiż

Il-Kunsill innomina lill-dawn il-persuni:

Frans Cauchi: Paul Azzopardi li ħadem ħafna fis-soċjeta tal-banda bħala volontarjat fejn anke fil-Hdud u festi dejjem jieħu ħsieb li jtellgħa u jniżżel il-bandiera tal-Kunsill fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru.

Franco Ciangura: Loreto Xuereb – is-Sindku stqarr ma Franco li s-sena l-oħra kien avviċina lis-sur Xuereb għal dan il-Ġieh pero dan ma kienx aċċetta u ma xtaq qatt li jingħata dan il-Ġieh. Franco issugerixxa wkoll lill Joseph Xuereb, li għamel ġieh lir-raħal bl-iskultura tiegħu.

Larry Buttigieg – Paul Żerafa għal-ħidma tiegħu fil-bini tal-Knisja Madonna ta' Loreto

Peter Caruana - Loreto Scicluna għal-ħidma volontarja fil-qasam tal-football

Stephen Mercieca – L-Arċipriet Frankie Bajada għal-ħidma tiegħu fil-Knisja

Wara li saret votazzjoni, il-Kunsill qabel illi din is-sena, Premju Ġieh Għajnselmiż għandu jingħata lis-sur Loreto Scicluna.

## 5. Programm Gimgħa t'Għajnsielem

9-12-2012 – Festa tfal ma' Santa mill-10.30 am 'l quddiem. F'każ ta' maltemp, din għandha issir nhar it-13 ta' Diċembru. Il-Kunsill ivvota is-somma ta' €200 li jittellgħu bi spot prices, u l-flyers ikunu jissarfu f'discounts fir-*rides* tat-tfal. Il-Kunsill qabel ukoll li jieħu ħsieb li jitqasmu flyers bieb bieb f'Għawdex kollu.

10-12-2012 – Festa liturġika Madonna ta' Loreto

11-12-2012 – Żjara lill anzjani – Jingħata cake lill-kull anzjan

13-12-2012 – Harġa għal-anzjani f'Malta.

14-12-2012 – Laqgħa informattiva fuq *bullying* fit-tfal li jsir mis-sjr. Pamela Portelli fis-sala tal-Iskola Primarja minn 12.00 sa 14.00a.m. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkordina din il-laqgħa.

16-12-2012 – Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Għajn tal-Ħasselin fejn tieħu sehem il-banda San Ġużepp, li titlaq fl-10.30am mill-każin tal-Banda sal-Pjazza tad-Dehra. Għandha tiġi mistiedna il-Ministru Giovanna Debono li tagħmel diskors flimkien mas-Sindku u wara ssir iċ-ċerimonja tat-tqieghed tal-ewwel ġebla mil-Ministru

17-12-2012 – 18-12-2012 – Kors b'xejn għar-residenti fuq tisjir tal-ħelu fis-sala tal-każin tal-Banda

12-12-2012 – Ċerimonja Ġieh Għajnsielem fil-Grand Hotel

## 6. Kompetizzjoni presepju u tiżjin tal-twieqi

Is-Sindku qal li wara s-suċċess tas-sena l-oħra għal din is-sena wkoll għandna noħorġu dawn il-kompetizjonijiet. Isir avviz fuq il-Bullettin li jmiss, fejn min hu nteressat għandu japplika sa l-aħħar ta' Novembru. Isiru żewġ kategoriji tal-presepju, waħda sa 4 piedi, u oħra min 4 piedi 'l fuq. It-tiżjin tat-twieqi għandhom ikunu fuq tema reliġjuża. Franco issuġġerixxa li ssir kompetizzjoni tal-isbaħ kartolina oriġinali tat-tfal tal-Iskola Primarja Għajnsielem, fejn dawn għandhom jinġabru sa 17 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 7. Talbiet mir-residenti

- Micheal Calleja – *double yellow lines* fit-Triq Fawwara kantuniera ma' Pjazza tad-Dehra – il-Kunsill approva li jsiru dawn il-linji.
- *Double yellow lines* – quddiem Misrah il-Fliegu fit-Triq Malta – approvati.
- Skart fit-Triq Sant Eliju, quddiem ir-residenza tas-Sur Adrian Vella – is-sindku se jiccekja ezatt x'hemm.

## 8. Materji ohra

Francis Cauchi

- *Double yellow lines* fit-Triq Fuq l-Ghajn – is-Sindku kellem li individwu u aċċetta li jiġu estiżi.
- Tiġi nstallata bozza bl-approvazzjoni ta' sid id-dar no. 27, Triq Fuq l-Għajn – il-Kunsill approva li jsir dan.

Stephen Mercieca

- *Double yellow line* fit-Triq Baħħara quddiem il-Latini Court – approvata

- Jinżebgħu s-sinjali sofor fit-Triq Baħħara għaliex m'għadhomx jidru.
- Isir railing qasir fit-Triq Gudja ma Triq Hamri fuq il-ħajt li tbaxxa - approvata
- Tinżabar is-siġra tat-tin li qegħda fil-post ta' Frankie Xuereb fil-Pjazza tad-Dehra – il-Kunsill approva li jiġi nfurmat is-sid tad-dar biex jagħmel dan.

Larry Buttiġieġ.

- Fontana fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru – is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li għadha fil-proċess li tapplika għal-meter tad-dawl
- Isir patching fit-Triq Cordina
- Tappieri tal-plastic miksurin fuq il-bankina tat-Triq Mġarr, ('l fuq min Aġuis bakery) – ninformaw lil-Transport Malta
- *Tournament* tal-isnooker – il-Kunsill qabel li jerġa jiġi organizzat dan it-tournament b'kollaborazzjoni ma Ghajnsielem Snooker Association. Il-Kunsill qabel li jqabbad din l-assoċċazzjoni biex tixtri t-tazzi għal dan it-tournament sa massimu ta' €300.
- Qed jissuġġerixxi li jiġu mselfa xi *foam panels* lil-Każin tal-Football sakemm jiġu bżonnhom il-Kunsill peress li mhux se jsir Bethlehem f'Għajnsielem din is-sena. Il-Kunsill approva li jsir dan, fejn u meta jkun bżonnhom il-Kunsill għandu jinforma lill-Każin tal-Football ħmistax il-ġurnata qabel.

Franco Ciangura

- bozza mdawra fit-Triq Mgarr kantuniera ma' Triq Mogħdija – is-Segretarju Eżekuttiv se tirrapporti din il-ħsara.

**Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-lagħqa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 28 ta' Novembru fis-4.00 pm, is-Sindku ddikjara l-lagħqa magħluqa fit-8.30pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv